**STQARRIJA GĦALL-MEDIA:**

## Bilanċ bejn is-Sessi fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet

Id-'Direttorju ta' Professjonisti Nisa Maltin u Għawdxin' dalwaqt se jkun żviluppat bil-għan li jagħti promozzjoni lill-professjonisti nisa u lill-kompetenzi tagħhom f'setturi varji. Dan id-Direttorju se jkun jinkludi informazzjoni dwar il-kwalifiċi, l-esperjenza u l-ħiliet ta' nisa professjonisti lokali u jipprovdi għażla ta' professjonisti nisa f'setturi differenti, li eventwalment jistgħu jkunu kkunsidrati għal bordijiet, kumitati u pożizzjonijiet oħra li jinvolvu t-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan tħabbar dalgħodu mill-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, Dr Helena Dalli, waqt it-tnedija ta' proġett ko-finanzjat mill-UE dwar il-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Dr Dalli qalet li n-nuqqas ta' rappreżentanza ta' nisa fuq bordijiet u f'livelli għoljin ta' *management* hu kwistjoni li trid tiġi indirizzata minnufih u fl-ogħla livelli.

Il-Ministru rreferiet għar-rapport tal-Kummissjoni Ewropea intitolat *'Gender Balance in Boards'* maħruġ f'Jannar ta' din is-sena, li juri li n-nisa Maltin jirrappreżentaw 3.5% tal-membri tal-bordijiet tal-ikbar *publicly listed companies* in Malta. Dan hu l-inqas persentaġġ fl-UE u ħafna inqas mill-medja tal-UE li hija ta' 15.8%.

Il-Ministru Dalli qalet li r-riċerka ta' dan il-proġett se tixħet aktar dawl fuq in-nuqqas tal-użu tal-ħiliet u l-kredenzjali ta' persuni fis-suq tax-xogħol li għandhom pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Għalhekk se tgħin lill-*policy-makers* biex jidentifikaw miżuri possibbli ta' rimedju.

Meta tkellmet dwar aktar impenn mill-gvern dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol, il-Ministru Dalli qalet li qed isiru l-isforzi kollha biex ikun hemm aktar nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali fi ħdan is-settur pubbliku. Hi qalet li diġà ħarġet ċirċulari tal-gvern lis-servizz pubbliku u lis-settur pubbliku, li se tassigura aktar trasparenza meta persuni japplikaw għall-miżuri favur il-familja. Dr Dalli qalet li l-gvern diġà impenja lilu nnifsu mal-elettorat biex jipprovdi servizzi ta' *childcare* b'xejn lill-ġenituri kollha li jaħdmu.

Il-proġett, *'Bilanċ bejn is-Sessi fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet'*, hu parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) tal-UE u qed ikun implimentat mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE). Il-proġett hu mifrux fuq sentejn u jintemm fl-2015.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE, Dr Romina Bartolo, spjegat li l-għanijiet tal-proġett jinkludu li tingħata s-setgħa u jkun hemm il-possibilità li n-nisa jkollhom pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet u li b'mod tanġibbli jkun hemm l-appoġġ kif ukoll li jagħti pariri lil *policy-makers* dwar il-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

B’referenza għall-kwoti abbażi tas-sess, Dr Bartolo qalet li l-introduzzjoni tal-kwoti tista’ tikkontribwixxi għaż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa f’pożizzjonijiet ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet. Madanakollu, id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE qalet ukoll li l-introduzzjoni tal-kwoti waħedha ma tkunx suċċess biex tagħti s-setgħa li aktar nisa jikkontestaw l-elezzjonijiet, jinħatru f’pożizzjonijiet għoljin fis-settur pubbliku u dak privat, jew biex jassumu pożizzjonijiet ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet fis-suq tax-xogħol jew xi mkien ieħor. Għalhekk hemm il-bżonn ta’ miżuri u strutturi ta’ appoġġ biex jiffaċilitaw parteċipazzjoni aktar wiesa’ ta’ persuni b’responsabilitajiet tal-familja u aktar ħolqien ta’ għarfien.

Is-*Senior Projects Executive* tal-NCPE, is-Sra. Annalise Aquilina, elenkat l-attivitajiet li se jsiru matul dan il-proġett il-ġdid. L-ewwel riċerka li se ssir għandha tiffoka fuq ir-rappreżentanza abbażi tas-sess f’*boardrooms* f’Malta u Għawdex kif ukoll f’pożizzjonijiet politiċi ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet. It-tieni riċerka se tkun qed tiffoka fuq il-kwoti abbażi tas-sess fil-*boardrooms* u fil-kwoti elettorali. Ir-riċerka se tkun qed tesplora kemm Malta hi lesta għall-kwoti abbażi tas-sess (u/jew miżuri oħra relatati), il-perspettiva ta’ Malta dwar il-kwoti abbażi tas-sess, kif Malta titqabbel ma’ pajjiżi oħra Ewropej u jekk miżuri oħrajn iwasslux għal żieda fil-parteċipazzjoni tas-sessi fil-*boardrooms* u fil-politika.

Se jkun qed isir programm ta’ *mentoring* bil-għan li nisa li qed jaspiraw li jkollhom pożizzjonijiet ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet ikunu *mentored* minn persuni, preferibbilment nisa, li jokkupaw impjiegi ta’ livelli għoljin. Programm ta’ taħriġ se jkun qed isir għan-nisa aspiranti qabel jibda dan il-perjodu ta’ *mentoring*. It-taħriġ se jkun qed ikopri suġġetti bħalma huma t-tmexxija u ħiliet ta’ *supervising*, teħid tad-deċiżjonijiet, l-assertività u l-ħiliet komunikattivi.

Il-Kummissarju l-ġdida tal-NCPE, is-Sra. Renee Laiviera, esprimiet l-apprezzament tagħha għall-fiduċja li tpoġġiet fiha. Hi enfasizzat dwar l-importanza li jiżdied in-numru ta’ nisa f’pożizzjonijiet ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet u l-fatt li dan il-proġett se jikkontribwixxi għal din iż-żieda u għalhekk ikun ta’ benefiċċju mhux biss għan-nisa infushom imma wkoll għall-pajjiż u l-ekonomija inġenerali.

5 ta’ Ġunju, 2013